**Minuti**

**Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara**

**ID-DISGHA LEGISLATURA**

**Laqgha numru 28**

**4 t'Awissu 2025**

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ltaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-Ċentru Ċivku, tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-5 ta' filgħaxija.

**Prezenti:**

Desirei Grech - Kunsillier
Maurizio Gauci – Kunsillier
Yana Borg Debono Grech – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Jade England- Kunsillier
Rosette Cassar – Kunsillier
Luke Vella - Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Christine Jo Mansuto - Deputat Segretarju Ezekuttv

**Assenti b'apologija:**

Alfred Attard – Kunsillier
Stefano Sicari – Kunsillier
Karl Cutajar – Kunsillier

Gilmour Borg – Kunsillier

**Assenti**

Hadd

**28.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji.**

**28.1.** Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-5.05pm

**28.1.2** Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm ittri t'apologija fejn is-segretarju Eżekuttiv irrispondiet li kien hemm 4 ittri t'apologija, dik tas-Sur Alfred Attard, Tas-Sur Stefano Sicari, Tas-Sur Karl Cutajar u tas-Sur Gilmour Borg.

**28.2 Preżentazzjoni tal-Audited Fanancila Statments Q1 U Q2**

**28.2.1.** Is-Sindku staqsiet lill-membri preżenti jekk jaqblux li l-accountant tippreżenta l-Audited Financial Statements. Kien hemm qbil unanimu biex l-accountant tipproċedi. Ġie rrimarkat li r-rapporti ta' Q1 u Q2 għadhom mhux lesti. Is-Sindku talbet li tingħata data meta dawn għandhom jiġu ppreżentati, u ġie deċiż li dawn ir-rapporti jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss.

**28.2.3.** Is-Sa Lorna Sultana spjegat li saru xi aġġustamenti fir-rapport preċedenti, li kien ġie ppreżentat f'April 2025, fejn ġew implimentati r-rakkomandazzjonijiet li kienu ngħataw mill-awdituri.

**28.2 4.** Waqt ir-rapport ġiet innutata s-somma dovuta lill-Lands Department, fejn ġie spjegat li din tirrigwarda kera tal-Ġnien l-Istazzjon backdated għal perjodu ta' seba' snin. Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet mistoqsija sabiex tagħti spjegazzjoni, fejn qalet li kienet għamlet komunikazzjoni ma' dan id-Dipartiment u ġiet infurmata li tali kera minn din is-sena ġiet imnaqqsa għal €500. Barra minn hekk, bħalissa qed isiru taħdidiet sabiex il-kirjiet preċedenti jiġu riveduti wkoll, iżda sa dak inhar ma kienx hemm risposta uffiċjali.

Is-Sur Antoine staqsa jekk il-Kunsill għandux xi dħul minn dan il-Ġnien, u ġie mwieġeb li iva, permezz tal-kiri tal-gabbana kif ukoll kirjiet oħra skont il-By-Laws.

**28.2.5** L-Accountant staqsiet ukoll sabiex jiġu aġġornati l-kontijiet mid-**Debtors** u l-**Creditors List**. Ġie maqbul li dan l-eżerċizzju għandu jsir sabiex il-Kunsill ikun jista' jirkupra l-flus dovuti, iħallas l-obbligazzjonijiet tiegħu jew, fejn ikun meħtieġ, ċerti ammonti jiġu kklassifikati bħala **bad debt** u jiġu written off.

**28.2.6** Rapport finanzjarju ġie approvat u korett bejn dawk preżenti

**28.2.7** Is-Sur Antoine staqsa dwar każ li hemm il-Qorti relatat ma' siġra li waqgħet fi Triq l-Imdina. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li hi qed iżżomm kuntatt mal-avukat tal-Kunsill u, jekk ikun hemm xi żviluppi, se tkun qed tinforma lill-Kunsill.
Is-Sindku semmiet ukoll il-każ relatat mal-eks Segretarja, fejn fakkret li dan is-suġġett kien diġà ġie diskuss f'laqgħat preċedenti.

**28.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

**28.3.1** Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi kummenti fuq il-minuti ta l-aħħar tlett laqgħat dik numru 25, numru 26 u numru 27. Ma kien hemm l-ebda kumment u għalhekk
Is-Sur Luke Vella ppropona u s-Sa Marie Claire zammit ssekondat l-minuti tal- laqgħa nu. 25 bħala korretti.
Is-Sa Marie Claire Zammit ppproponiet u s-Sa Jade England ssekondat l-minuti tal- laqgħa nu. 26 bħala korretti.
Is-Sa Marie Claire Zammit ppproponiet u s-Sa Jade England ssekondat l-minuti tal- laqgħa nu. 27 bħala korretti

**28.4 Arisings mill-Minuti**

**28.4 .1** Is-Sur Antoine staqsa dwar iż-żewġ vetturi li kellhom jiġu mneħħija. Is-Sindku spjegat li dawn fl-aħħar ġew cleared, peress li meta l-Kunsill mar Transport Malta l-ewwel darba, kien instab li kien hemm mandat ta' sekwestru fuqhom minħabba l-eks Segretarja. Is-Sindku żiedet

tispjega li ntbagħtet komunikazzjoni sabiex tiġi ċċarata l-pożizzjoni tal-Kunsill, u b'riżultat ta' dan il-mandat tneħħa.

**28.4 2** Is-Sur Antoine staqsa wkoll rigward l-istaffi tal-vannijiet il-ġodda. Is-Sindku fakkret li dawn il-vannijiet kienu ġew ordnati b'numru ta' nuqqasijiet u, għaldaqstant, il-Kunsill ser ikollu jagħmel nefqa addizzjonali sabiex jiġu installati staffi biex il-vannijiet ikunu aċċessibbli għall-anzjani. Ġie mfakkar ukoll li din id-deċiżjoni kienet diġà approvata fil-laqgħa preċedenti.

**28.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**28.5.1** Is-Sindku informa lill-membri preżenti rigward il-Kunċert "Fis-Suq tar-Raħal", fejn spjega li dan kien ta' suċċess u attira numru sostanzjali ta' persuni. Il-Kunċert kien possibbli permezz ta' kollaborazzjoni effettiva bejn il-Kunsill u d-Direttorat tal-Gvern Lokali sabiex tittella' din l-attività. Fuq livell ta' spejjeż, ġie mfakkar li nżamm mal-kriterji tal-iskema, fejn il-Gvern Lokali jassumi 75% tal-ispiża u l-Kunsill jikkontribwixxi l-bqija. Għaldaqstant, il-fondi se jittieħdu mill-fond tal-Attivitajiet u l-Kultura, skont il-Budget approvat. L-invoices relatati se jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss

**28.5.2** Is-Sindku informat lil dawk preżenti li bħalissa għaddejja ħidma sabiex tinħoloq **Mappa Turistika**. Din il-mappa se tinkludi informazzjoni dettaljata dwar Birkirkara, fosthom it-toroq u l-punti kulturali ewlenin tal-lokalità. Il-mappa se titqassam kemm fil-ħwienet kif ukoll fid-djar ta' Birkirkara.
Is-Sindku ċċarat li l-ispiża tal-mappa mhix se tiġi koperta mill-Kunsill iżda se tkun iffinanzjata permezz ta' reklami li se jitpoġġew fuqha. F'dan il-kuntest, is-Sindku stednet lis-Sur Kaylocke Buħagiar sabiex jispjega aktar dwar il-proġett.
Is-Sur Buħagiar spjega kif bħalissa jinsab f'komunikazzjoni ma' kumpaniji kbar sabiex jassiguraw il-kontribuzzjoni tagħhom f'dan il-proġett u fl-istess ħin ikollhom preżenza fuq il-mappa permezz tar-reklamar.

**28.5.3** Is-Sindku informat lil dawk preżenti li l-kunsill kellu ilment rigward Gnien l-istazzjon fejn xi zkuk mejta waqaw għallarieda bir-riħ u barxu id tarbija li kient fil-viċin. Milli jidher dawn is-siġar ilhom snin ma jinżabru għall fatt li il-madum ma jiflaħx għall piż. F'dan il kas is-sindku qalet li talbet parir mil perit fejn qal li għandhom jitpoġġew pjanci mal-art pero xorta mhux garantit li ma jinkisirx il-madum. Hija żiedet tgħid li tippreferi jinkiser u jinbidel milli iweġġa xiħadd. Is-sur

Kaylocke staqsa x'passi ser jittieħdu sakemm isir ix-xogħol, fejn ġie suġġerit li meta jkun ir-riħ, il-ġnien bħala prkawzjoni jingħalaq. Ġie ukoll suġġerit li jiġu kkunsidrati metodi oħra kif isir ix-xogħol mingħajr ma jidħlu fil-Ġnien.

.

**28.5.4** Is-Sindku informat lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva email minghand ir-Reġjun fejn ġiet mitluba informazzjoni dwar in-niċċeċ fil-Lokalità. Is-sur Antoine Attard u is-Sa Marie Claire irrispondew u ghaddew linformazzjoni mitluba.

**28.5.5** Is-Sindku informat lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva email mingħand ir-Reġjun bit-titlu O Holy Nights, inizjattiva mir-Reġjun. Ħafna minn dawk preżenti kienu diġà rrispondew u semmew il-Knisja l-Qadima. Madankollu, is-Sindku spjegat li r-Reġjun talab kappella u mhux knisja, u għaldaqstant staqsiet għall-opinjoni ta' kulħadd.

**28.5.6** Is-Sindku informat lil dawk preżenti li fil-jiem li għaddew sar il-funeral tas-Sur Victor Zammit. Bħala tifkira tiegħu, ġiet ippreżentata l-idea li jibda jingħata **award** f'ismu. L-ewwel edizzjoni ta' dan l-award tingħata waqt l-inawgurazzjoni tal-monument tiegħu, u wara tintgħażel ġurnata annwali. Dan l-award ikun iddedikat lil kull persuna li fil-qasam tiegħu tkun kisbet suċċess fil-kamp sportiv b'mod ġenerali. Din il-proposta ġiet ippreżentata mill-familja tas-Sur Victor flimkien mal-klabb tal-futbol u l-Kunsill. Ġie miftiehem li jsiru iktar diskussjonijiet dwar dan.

**28.5.7** Is-Sindku informat lil dawk preżenti li irċivejna mingħand id-dipartiment li ġejna awarded l-iskema tal-Cleanup **spi.sci.03.2025**. fejn konna applikajna biex jitwaħħlu żewġ ballot bins li jiġbgu fijhom loqom tas-sigaretti u fli-istess hin tinħoloq mistoqsija sabiex tinkoragixxi lin nies jivvutaw permezz tal-loqom favur jew kontra id-domanda mpoġġija. Dan il-cleanup ser isir fi triq il wied viċin il McDonalds.

**28.5.8** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li l-iskema **SPI.SCI.07.2024** giet riveduta u isssa ingħatajna l-għajnuna sabiex issir manutenzjoni minuri fil binja tal-kunsill.

**28.5.9** Is-Sindku fakkret lil dawk preżenti rigward ir-reċiviment li kien qed jorganizza il-kunsill għall għaqdiet tal-festa nhar 10 t'Awissu fil 11am fejn qalet ukoll li ntbgħat invit via Email.

**28.5.10.** Is-sindku informat lil dawk preżenti li flimkien mal-kunsill tal-Imsida tlabna sabiex isir servizz ta shuttle bus sabiex ir-residenti tal-area ta' Paris u Swatar ikollhom trasport pubbliku temporanju li ġie affetwat mix-xogħolijiet infrastrutturali li qed isiru bħalissa. Il kunsill ħaseb sabiex titpoġġa posta fuq il-Mezzi soċjali.

Is-sur Antoine saqsa rigward proġett li qed isir min reġjun Tramuntana li qed jingħataw fondi biex jiġu restawrati xi gallariji. Waqt diskussjoni qasira intqal li ir-reġjun Lvant għadu ma ngħatax dawn il fondi.

**28.5.11.** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li hi flimkien mas-segretarju Eżekuttiv kellha laqgħa ma Infrastructure Malta u ġie diskuss il-pjan ta ħidma. Dan ġie rivedut u flimkien mat-toroq preċedenti żdiedet Triq il-Kbira li jghamel parti mill-progetti msemmija fil budjet tas-sena l-ohra.

**28.5.12** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li l-kunsill irċieva l-invit min għand is-Soċjeta Dun Filippu Borgia, għall l-inawgurazzjoni taż-żewġ monumenti ġodda. Hija qalet ukoll li l-kunsill huwa parti min dan il-proġett però is-soċjetà ma nkluditniex fl-inawgurazzjoni iżda stednitna biss. Is-sur Luke aġġorna lil kunsill b'dak li ntqal waqt l-aħħar laqgħa li attenda mas-soċjetà. Huwa qal li dawn iż-żewġ monumenti li ser jiġu inawgurati nhar il-Ħadd 17 t'Awissu fil preżenza tal -Eċċ tagħha l-president ta' Malta. Żied jgħid ukoll li ser ikun hemm plakka kommemorattiva u ma kien ser isir l-ebda kxif u fuq il-plakka ser ikun imniżżel li l-kunsill Lokali ta Birkirkara ikkontribwixxa għal dan il-proġett.
Is-sindku staqsiet għaliex ittieħdet din id-deċiżjoni fejn kull plakka is-soltu ma jsirx hekk.
Is-sur Kayloke reġa' r-rimarka li isem is-sindku preżenti mhux ser ikun fuq din il plakka fejn Luke wieġeb li lanqas ismijiet oħra ma ħa jkun hemm
Luke qal ukoll li ntalbu xi barriers biex jiġu protetti l-istatwi waqt il-festi. Is-Sindku qalet li estetikament mhux sbieħ u jagħtux ġieh lil proġett.
Is-sindku reġgħet tenniet li l-prassi ta kull plakka hi li jissemma isem is-sindku u l-kunsill lokali, mhux biex tissemma hi imma biex tinżamm il-prassi kif suppost.
Is-sur Kayloke semma kif fil passat inbidlu għadd ta plakkek għax kien ikun hemm żball u ma jarax għalfejn issa le.
Is-sa Marie Claire żiedet tgħid li hija prassi li meta issir plakka u jkun involut il-kunsill l-iskrittura tiġi ippreżentata sabiex tkun approvata.
Luke qal li għandu jiġi rivedut il kliem fuq il plakka u rigward barriers isir xi ħaġa oħra biex tipproteġi l-istatwi.

Jade qalet li il-plakka għanda tinkludi isem is-sindku u l-kunsill Lokali kif ukoll ikun tajjeb li ikun hemm soluzzjoni aħjar minflok barrieres

Is-Sur Maurizio ingħaqad fil-laqgħa u ukoll qal li fil proġett kellu jinħareġ permess u fond biex isir grada . Hu ssuġġerixxa li jsiru pajpijiet b'katina sakemm issir grada. U qabel li fuq il-plakka ikun hemm isem is-sindku u l-kunsill lokali.

Kaylocke ukoll qabel li l-plakka għandha issir b'Isem is-sindku preżenti u l-kunsill lokali u qal li għanda tinstab alternattiva pulita.

Rosette qalet li bħala membru tas-soċjetà, il plakka għandha tibqa kif inhi u għandu jkun hemm soluzzjoni oħra flok barriers.

Yana taqbel li ikun hemm soluzzjoni oħra għal-barriers għal-gimgħa tal-festa kif ukoll qalet li l-plakka tibqa kif inhi.

Antoine qabel ukoll li l-plakka issir b'isem is-sindku u għal barriers isir xi haga aħjar.

Marie Claire zidet tgħid li plakka titqies bħala xi ħaġa storika u allura għandu jitniżżel isem is-Sindku ukoll. Bħala kunsill għandna ngħinu lis-socjeta bil-barriers.

Is-sur Maurizio qal li għandha tiġi esplorata il-possibilta li flok nikru ngħamlu ix-xogħol aħna.

Sar qbil li jigi komunikat mas-soċjetà bid-Deċiżjoni li l-maġġoranza qablu li tinbidel il-plakka b'7 voti favur il-bdil tal plakka u 2 kontra

Dawk konta kienu ta Rosette u Yana.

Kollha kienu favur l-għajnuna biex tinstab soluzzjoni oħra flok barriers.

**28.6 Mistoqsijiet mill- Kunsilliera**

**28.6.1** is-sindku qalet li ma rċeviet l-ebda domanda.

**28.7 Rapporti**

**28.7.1** ma kien hemm xejn

**28.8 Amministrazzjoni**

28.8.1 is-Sindku qalet li il-kunsill mhux ilaħħaq bix-xogħol ta' barra u qed tipproponi li jiddaħħal Ħaddiem għall-Manutenzjoni li jkun tal-kunsill. Min jieħu ħsieb il-community workers scheme qalilna li ħaddiema m'ghandhomx u mhux se jkunu qed jibgħatulna.

28.8.2 Ittieħed vot biex jidaħħal Ħaddiem . kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti.

**28.9 Approvazzjoni ta' skedi ta' ħlasijiet**

28.9.1 Wara li s-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi kummenti dwar l-iskeda tal-pagamenti, fejn inġibdet l-attenzjoni fuq il pagament ta 20,000euro dovut lil lands Authority. Is-segretarju Eżekuttiv spjegat li dawn huwa kont mhux imħallas mis sena 2019 fejn fejn reġgħet fakkret kif il-kera ġiet ridotta. Dan il ħlas ma ġiex approvat.

**28.9.2** Is-sur Kaylocke staqsa dwar is-somma tal ġardinaġġ fejn qal li issa dan ilu żmien jaħdem fuq direct order. Fejn ġie iċċarat li dan id direct order kien approvat mid dipartiment iżda fil qarib ser jiġi iffirmat tender ġdid tas-soft areas.

**28.9.3** Rosette staqsiet items relatati mal-kunċert. Fejn xtaqet li jiġu approvati darbohra mal prżentazzjoni tan nefqa totali tal-kunċert.
Staqsew ukoll rigward item ieħor ta tindif li kien jirreferi għal ġbir ta illegal dumping
Nefqa oħra li kienet tirreferi għal ħjata u għal pittura tal istandardi
Staqsiet ukoll fuq nefqa oħra li kienet tirreferi għall out of court settlement li giet approvata f'laqgħa preċedenti.
Staqsiet ukoll dwar l-overtime li jitħallas lil ħaddiema. Is-sindku tista tiġi il kunsill u tingħata l-informazzjoni u rigward l-overtime waqt il kunċert dan ma jitħallasx mill-fondi tal-iskema iżda mit 25% li l-kunsill joħroġ parti mill-iskema. Kull attività ikollha bżonn l-għajnuna tal-ħaddiema kolla sabiex tittella'.

**28.9.4** Is-Sur Maurizio approva l-iskeda, u s-Sa Jade ssekondat L-iskeda tal-Pagamenti.

**28.9.2.** Wara li s-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi kummenti fuq l-iskeda tal-petty cash, is-Sinjura Marie Claire approvat u s-Sur Luke ssokonda L-iskeda tal-petty cash. Din ġiet approvata unanimament minn dawk preżenti.

**28.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**28.9.1** Il- Laqgħa ntemmet fis 6.45pm

**28.9.2** Data tal-laqgħa li jmiss it-Tlieta 9 t' Awissu 2025 fil-5pm

Iffirmati

Christine Jo Mansueto